MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 65/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurati taghha l-Avukat Dottor Ian Gauci (I.D. 213675 (M)) u Alexandra sive Sandra Farrugia (I.D. 459375 (M)) sija bil-polza u sija bil-ligi – u l-istess Alexandra sive Sandra Farrugia.**

**vs.**

**Raymond Curmi (I.D. 490781(M)).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 27 ta' Jannar 2004 a fol. 1 tal-process ipprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi fit-23 ta’ Marzu 2003, fi Triq il-Knisja, Hal-Tarxien waqt illi l-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CRX 331, huwa kien involut f’incident awtomobilistiku mal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni OUR 147 misjuqa minn Etienne Farrugia u propjeta’ ta’ l-assikurata tas-socjeta’ attrici, Alexandra sive Sandra Farrugia, u assikurata taht polza *“comprehensive”* mas-socjeta’ attrici;

Illi b’konsegwenza ta’ l-incident fuq imsemmi l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni OUR 147 habtet mal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAB 409 li kienet ipparkeggjata, u liema vettura hija propjeta` ta’ l-assikurat tas-socjeta’ attrici l-Avukat Dottor Ian Gauci, u assikurata taht polza *“comprehensinve”* mas-socjeta’ attrici;

Illi dan l-incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba sewqan eccessiv, traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess konvenut hekk kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi *in vista* ta’ l-imsemmija poloz ta’ l-assikurazzjoni tat-tip *“comprehensive”,* is-socjeta’ attrici ghamlet tajjeb ghad-danni kollha kkagunati mill-konvenut fuq il-vettura OUR 147 u KAB 409;

Illi d-danni kollha sofferti mill-atturi b’konsegwenza ta’ l-incident fuq imsemmi jammontaw ghal disa’ t’elef, u tnax-il lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm 9,012.43) liema somma tinkludi l-ammont ta’ hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00) mhallsa mill-attrici Alexandra sive Sandra Farrugia bhala *“excess”*, hekk kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u ezebiti (Dok. “C1” sa “C5” u Dok. “D1” sa “D5”);

Illi l-konvenut gie debitament interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 7 ta’ Lulju 2003 sabiex jersaq ghall-hlas tad-danni sofferti mill-atturi b’rizultat ta’ l-incident imsemmi, izda baqa’ inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess socjeta`' attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fi Triq il-Knisja, Hal-Tarxien fit-23 ta' Marzu 2003, bejn il-vetturi bin-numri tar-registrazzjoni CRX 331, OUR 147 u KAB 409, u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' disa' t'elef, u tnax-il lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm9,012.43) jew kull somma ohra verjuri li tigi illikwidata minn din l-Onorabbli Qorti *okkorrendo* bl-opera ta' periti nominandi;

3. Konsegwentement tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi *in linea* ta' danni l-ammont hekk illikwidat;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju 2003, u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-istess citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut *ai termini* tal-**Kap 104** u bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Lulju 2003 kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ngunt ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati bhala:- Dok. "A", li hija kopja ta' l-okkorrenza tal-pulizija flimkien ma' l-iskizz relattiv; Dok. "B" kopji ta' sittax ir-ritratt mehuda *"a tempo vergine"* u li juri l-vetturi nvoluti fl-incident u l-post ta' l-incident; Dok. "C" kopji ta' *survey report*, ircevuti fiskali u *discharge receipt*, rigwardanti danni sofferti mis-socjeta' attrici u l-attrici Alexandra sive Sandra Farrugia fir-rigward tal-vettura Reg. No. OUR 147; u Dok. "D" kopja ta' *survey report, invoices* u rcevuti fiskali rigwardanti spejjez tat-tiswija tal-vettura KAB 409, kif ukoll kiri ta' vettura ohra waqt il-perijodu ta' l-istess tiswijiet kollox kif jidher minn fol. 6 sa fol 25 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh fit-3 ta' Frar 2004 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-

Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tat-12 ta' Marzu 2004 b'dan li s-socjeta' attrici giet ordnata tipprezenta l-affidavits taghha b'terminu sad-data ta' l-appuntament tal-kawza, u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu isiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Curmi datata 1 ta' Marzu 2004 a fol 32 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda billi ghall-incident stradali in kwistjoni kien jahti, s-sewwieq tal-*car* 'OUR 147'.

2. Isegwi, riferibbilment ghat-tieni talba, li m'hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront ta' l-eccipjenti.

3. Jizdied isegwi, riferibbilment ghat-tielet talba li m'hemm ebda *quantum* ta' danni li l-konvenut ghandu jigi kundannat ihallas lill-atturi.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra u b'riserva ta' talba ghal hlas ta' danni mgarrba mill-vettura li kien isuq l-eccipjent.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u dokument anness u mmarkat bhala Dok 'AA' tal-konvenut a fol 33 sa fol 37 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri a fol 38 tal-process fejn deher Dr Michael Zammit Maempel ghas-socjeta` attrici u talab zmien ghall-prezentata ta' l-affidavits ta' l-attrici. Il-kawza giet postposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehret Dr Yana Micallef Stafrace ghall-konvenut prezenti. Il-kawza giet differita ghall-5 ta' Mejju 2004 ghall-prezentata ta' l-affidavits tas-socjeta` attrici; tal-5 ta' Mejju 2004 fejn deher Dr Michael Zammit Maempel ghas-socjeta` attrici u Dr Simon Micallef Stafrace ghall-konvenut. Il-kawza giet

differita ghal-prezentata ta' l-affidavits ta' l-atturi u provi ta' l-istess ghall-11 ta' Gunju 2004.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici GasanMamo Insurance Limited datata 5 ta' Mejju 2004 li permezz taghha esebiet l-affidavit ta' **Hugh P. Zammit** kif jidher a fol 41 u 42 tal-process.

Rat l-Ordni ta' l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn il-kawza giet differita ghad-9 ta' Lulju 2004 minhabba ndispozizzjoni ta' l-istess Qorti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri a fol 46 tal-process fejn deher Dr Michael Zammit Maempel ghall-atturi u Dr Yana Micallef Stafrace ghall-konvenut. Dehret l-attrici Alexandra Farrugia u l-konvenut Raymond Curmi. Xehdu bil-gurament **Etienne Farrugia** (fol 53 sa 66) u **Alexandra Farrugia** (fol 67) prodotti mis-socjeta` attrici. Il-kawza giet differita ghat-3 ta' Novembru 2004 ghall-kontinwazzjoni; tat-3 ta' Novembru 2004 fejn deher Dr. Michael Zammit Maempel ghas-socjeta` attrici u Dr. Yana Micallef Stafrace ghall-konvenut. Xehdu **James Cassar** (fol 71) u **WPC 116 Rita Micallef** (fol 73 sa 75) prodotti mis-socjeta` attrici li wkollipprezentat kopja ta' Rapport li gie mmarkat bhala Dok 'M'. Ix-xhud PS710 J. Mangion issejjah tliet darbiet baqa' ma deherx u l-Qorti kif diversament presjeduta sabitu hati ta' disprezz u ikkundannatu Lm30 amenda u ordnat li dan id-digriet jigi personalment komunikat bil-purtier fl-ghassa ta' Rahal Gdid. Il-kawza giet differita ghall-11 ta' Jannar 2005 ghall-kontinwazzjoni; tal-11 ta' Jannar 2005 fejn deher Dr Joseph Zammit Maempel ghas-socjeta` attrici u Dr. Yana Micallef Stafrace ghall-konvenut. Ix-xhud PS 710 Mangion issejjah baqa' ma deherx u l-Qorti ordnat li jingieb b'mandat ta' skorta. Il-kawza giet differita ghall-4 ta' Marzu 2005 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; tal-4 ta' Marzu 2005 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Xehed **PS 710 Joseph Mangion** (fol 90 sa 94) prodott mill-atturi. Il-Qorti wara li semghet lil PS 710 Mangion irrevokat *contrario imperio* d-digriet tat-3 ta' Novembru 2004. Il-

kawza giet differita ghall-20 ta' April 2005 ghall-konkluzjoni tal-provi tas-socjeta` attrici; tat-22 ta' Gunju 2005 (fol 103) fejn deher Dr. Michael Zammit Maempel ghas-socjeta` attrici u Dr. Yana Micallef Stafrace ghall-konvenut prezenti. Xehed **Joseph Buttigieg** prodott mis-socjeta` attrici u pprezenta dokument li gie mmarkat bhala Dok "JRB". Is-socjeta` attrici ddikjarat li ghalqet il-provi. Il-kawza giet differita ghall-15 ta' Novembru 2005 ghall-prezentata ta' l-affidavits tal-konvenut u provi *viva voce*; tal-15 ta' Novembru 2005 (fol 110) fejn dehret Dr. Yana Micallef Stafrace ghall-konvenut prezenti u Dr. Michael Zammit Maempel ghas-socjeta` attrici. Xehdu **Aaron Fenech** prodott mill-konvenut u l-konvenut innifsu **Raymond Curmi** u bil-kontro-ezami.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta datata 18 ta' Jannar 2006 u l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-23 ta' Frar 2006 (fol 122) fejn dehret Dr. Yana Micallef Stafrace ghall-konvenut u Dr. Michael Zammit Maempel ghall-attrici prezenti. Xehedu bil-gurament **Etienne Farrugia** u bil-kontro-ezami (fol 123 sa 131) u **Alexandra sive Sandra Farrugia** (fol 132 sa 136). Id-difensuri ddikjaraw li ma kellhomx provi izjed. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-9 ta' Mejju 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta tad-9 ta' Mejju 2006 a fol 137 tal-process fejn deher Dr. Michael Zammit Maempel ghas-socjeta` attrici u Dr. Yana Micallef Stafrace ghall-konvenut. Id-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-10 ta' Ottubru 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza dwar kollizzjoni li grat fit-23 ta' Marzu 2003, fi Triq il-Knisja, Hal-Tarxien bejn vettura misjuqa

mill-l-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni CRX 331, u il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni OUR 147 misjuqa minn Etienne Farrugia u proprjeta' ta' l-assikurata tas-socjeta' attrici, Alexandra sive Sandra Farrugia, u assikurata taht polza *"comprehensive"* mas-socjeta` attrici, li kienet gejja mid-direzzjoni opposta – sar impatt gravi bejn l-istess vetturi - kif juru ir-ritratti kollha esebiti tant li l-karozza assigurata mis-socjeta' attrici spiccat *total loss,* u f'din il-kollizzjoni giet involuta wkoll il-vettura l-ohra, wkoll assigurata mis-socjeta' attrici vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAB 409 li kienet ipparkeggjata, u liema vettura hija proprjeta' ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici l-Avukat Dottor Ian Gauci, u assikurata taht polza *"comprehensive"* mas-socjeta' attrici, u dan peress li bl-impatt bejn iz-zewg karozzi l-ohra, saret hsara lill-istess karozza li kienet ipparkjata.

Illi ma hemm l-ebda dubju li d-dinamika ta' l-incident hija wahda pjuttost cara u turi li l-karozza Reg. No. OUR 147 misjuqa minn Etienne Farrugia kienet ghaddejja f'Church Street Tarxien mid-direzzjoni tal-knisja sejjer lejn id-direzzjoni tal-fabbriki ta' Bulebel, mentri l-vettura misjuqa mill-konvenut Raymond Curmi Reg. No. CRX – 331 kienet gejja mid-direzzjoni opposta; ma hemm l-ebda dubju mill-provi kollha prodotti li l-punt tal-kollizzjoni kienet fuq in-naha tat-triq minn fejn kienet gejja l-vettura Reg. No. OUR – 147, b'dan allura li l-vettura Reg. No. CRX – 331 spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq u ghalhekk *wrong side.*

Illi l-versjoni ta' Etienne Farrugia kienet li huwa kien ghaddej bil-mod fl-istess triq bl-intenzjoni li jikser fid-*drive in* tad-dar tieghu li kienet qeghda fuq in-naha tieghu tat-triq, b'mod li kellu jisker fuq ix-xellug tieghu bla ebda bzonn li jaqsam it-triq; xeghel ghalhekk l-*indicator* u fl-ebda mument ma' mar fuq in-naha l-ohra tat-triq, kien qed isuq fuq *second gear* u kif beda jikser biex jidhol fid-*drive in*, tant li kien gja qed ihares lejn l-istess *drive in,* ra l-karozza misqjuqa mill-konvenut reg. No. CRX – 331 gejja dritt ghal fuqu u dan meta huwa kien gja angola ruhhu biex jdur, u fil-fatt bl-impatt dirett ghal go fih, il-karozza minnu misjuqa spiccat kif indikat fl-iskizz u fid-diversi

ritratti esebiti mis-socjeta' attrici immarkati minn Dok. "B1" sa Dok. "B 16" minn fol. 10 sa 16 tal-process u wkoll minn diversi ritratti ohra esebiti bhala Dok. "EF 1" sa Dok. "EF 22 minn fol. 47 sa fol. 52 tal-process. Illi din ix-xhieda hija kkorroborata minn dik ta' Sandra Farrugia li kienet passiegiera quddiem fl-istess vettura taghha, misjuqa minn zewgha (xhieda 9 ta' Lulju 2004 – fol. 67). Illi r-ritratti gew ikkonfermati minn James Cassar (xhieda 3 ta' Novembru 2004 – fol. 79).

Illi l-konvenut isostni li huwa spicca fuq dik in-naha l-ohra tat-triq ghaliex huwa jallega li ra lis-sewwieq tal-vettura Reg. No. OUR – 147 fuq in-naha tieghu tat-triq u meta ra hekk huwa jghid li instintivament kiser fuq il-lemin tieghu sabiex jevita is-sinistru u kif ghamel hekk, kiser ukoll fuq l-istess naha l-sewwieq Ettiene Farrugia u b'hekk sehhet il-kollizzjoni.

Illi din il-Qorti thoss li l-versjoni tal-konvenut ma tistax tigi accettata u dan peress li fl-ewwel lok din ma kienitx il-versjoni tieghu *a tempo vergine* wara l-incident tant li fl-okkorenza li giet esebita bhala Dok. "A" minn fol. 6 sa fol. 8 tal-process hemm indikat li l-versjoni tal-konvenut stess kienet is-segwenti u cjoe':-

*"Driver stated that he was proceeding through Church Street when all of a sudden vehicle OUR 147 proceeding towards the drive in of the garage lost control of his vehicle and collision occurred".*

Illi mhux hekk biss izda mill-provi prodotti inkluzi d-diversi ritratti esebiti juru li l-istess karozza tal-konvenut halliet *brake marks* fuq in-naha hazina tat-triq, proprju *wrong side* ghall-konvenut u fuq in-naha l-ohra tat-triq tieghu u dan jidher car minn diversi ritratti mehuda wara l-incident, li bl-ebda mod ma gew kontradetti jew kontrastati; hekk per ezempju din il-Qorti taghmel riferenza ghar-ritratti esebiti bhala Dok. "B 4", Dok. "B 5", Dok. "B 12" Dok. "B 13" u Dok. "B 16" esebiti kollha mac-citazzjoni attrici u dan apparti ritratti ohra bhala dawk indikati bhala Dok. "EF 8" u Dok. "EF 13", Dok. "EF 21" u Dol "EF 22", dawn l-ahhar a fol. 52 tal-process li juri li tali *brake marks* tal-karozza tal-

konvenut kienu kollha fuq in-naha hazina tat-triq u l-istess jista' jinghad ghall-Dok. "EF 24" a fol. 52 tal-process. Il-konsistenza u l-ammont ta' tali ritratti hija tant cara li din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut minhabba l-mod traskurat, u certament b'certu velocita' li huwa kien qed issuq il-vettura tieghu, spicca tilef il-kontrol tal-vettura tieghu u mar fuq in-naha hazina tat-triq u habat mal-karozza misjuqa mis-sewwieq li l-vettura tieghu kienet assigurata mas-socjeta' attrici; il-kawza prossima ta' l-incident ghalhekk hija dik li l-istess konvenut tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u spicca fuq in-naha hazina tat-triq; dan l-agir irresponsabbli tal-konvenut huwa rifless ukoll mill-*brake marks* kollha indikati fir-ritratti li juru li l-istess konvenut kien kompletament fuq in-naha hazina tat-triq u jidher car li huwa bl-agir irresponsabbli tieghu li tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u b'hekk pogga ruhhu f'posizzjoni li mhux biss ma setghax jevita is-sinistru, izda li fil-fatt kien huwa li kkawza is-sinistru, anke bil-mod sperikolat li huwa kien qed isuq, u dan huwa anke rifless fl-entita' ta' danni ikkawzati fil-vetturi rispettivi, li jikkonferma li l-istess konvenut kien qed isuq ukoll bi *speed* konsiderevoli tant li l-entita' tad-danni kkagunati fil-karozza li dahal fiha assigurata mis-socjeta' attrici tikkonferma dan, ghaliex din spiccat *beyond economical repair.* Jidher car mid-dinamika kollha ta' l-incident li l-istess konvenut kien ecceda l-limitu ta' *speed* ghal dik il-lokalita' u kienet din li gieghlet lill-konvenut jonqos li jara dak li kien *in plain view* u li jitlef kontroll tal-vettura tieghu u jispicca fuq in-naha hazina tat-triq.

Illi jidher li f'xi hin u f'xi mument izda certament wara li hareg l-ewwel *road accident report* indikat bhala Dok. "A" a fol. 6 tal-process kien hemm tentattiv sabiex dik li kienet indikata bhala l-versjoni tal-konvenut tinbidel u fil-fatt mix-xhieda ta' W.P.C. 116 Rita Micallef li kienet involuta biss biex dahlet l-istess rapport fil-kompjuter, l-istess versjoni tal-konvenut saret taqra hekk skond Dok. "M" a fol. 76 sa 78 tal-process:-

*"Driver stated that he was proceeding through Church Street in the direction of his garage when all of a sudden OUR 147 cut infront of his and collission occurred".*

Illi ghaliex sar dan it-tibdil mill-ewwel versjoni l-istess xhud ma setghatx tispjega, pero' certament lanqas din il-versjoni ma tista' tghin lill-konvenut peress li hija manifestament inkoretta u dan ghaliex huwa certament ma kien intenzjonat li jidhol fl-ebda *drive way*, kif l-istess kwotazzjoni emendata ghal xi raguni qed tghid.

Illi din it-tieni versjoni hija iktar stramba meta wiehed ihares lejn il-versjoni ta' l-incident li ta l-konvenut fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2005 fejn jghid li huwa ra lid-*driver* l-iehor gej fuq il-*lane* tieghu, fejn kien ghaddej il-konvenut u qal li kien qed jarah *"face to face" mieghi u speci kif qed narah kwazi wasal mieghi, jigifieri gej go fiha, face to face, ghafast il-brake u qisu l-brake dawwart l-isteering lejn il-lane l-ohra ghax hu qed narah gej go fija. Imbaghad hu qisu ghamel hekk U-Turn ghax id-drive in wisq dejjaq …".* Apparti li dan kollu lanqas biss jaghmel sens jghid li huwa s'intendi ma kienx jaf li s-sewwieq l-iehor kien diehel go *drive in*, kien wara li sar jaf u allura kif kien hemm dak indikat fit-tieni okkorenza huwa misteru u dan apparti li l-versjoni tal-konvenut hija ghal kollox konfuza u inversomili u adirittura inkredibbli.

Illi din il-Qorti ezaminat ukoll f'dan il-kuntest ix-xhieda tas-Surgent P.S. 710 Joseph Mangion u apparti li certament li dan ma tax spjegazzjoni ghaliex biddel l-ewwel versjoni ghat-tieni versjoni fl-okkorrenzi fuq citati u esebiti fil-process, jidher li x-xhieda tieghu dwar l-*brake marks* lanqas hija konvincenti, ghaliex ghalkemm mir-ritratti jidher car li l-*brake marks* mill-karozza tal-konvenut kienu kollha *wrong side,* huwa qal li fuq l-iskizz indika li kien hemm parti minnhom fuq in-naha t-tajba tal-konvenut, haga li bl-ebda mod ma tirrizulta mir-ritratti, u dawn mehuda minn diversi angoli; dan huwa iktar sinifikanti meta l-istess Surgent qabel li r-ritratti, almenu sad-distanzi li dawn juru, jindikaw li tali *brake marks* tal-konvenut kienu fuq in-naha hazina tat-triq; din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz il-versjoni tas-Surgent ma hjiex verosimili, anzi hija kontradetta mir-ritratti esebiti – pero' anke jekk wiehed jiehu l-iskizz ta' l-istess Surgent din il-Qorti thoss li xorta wahda din tipprova u tikkonferma l-versjoni tas-socjeta'

attrici li l-konvenut, anke jekk f'xi mument kien fuq *is-side* tieghu, minhabba s-sewqan tieghu, tilef kontrol tal-vettura tieghu u spicca fuq in-naha hazina tat-triq u kien dan is-sewqan traskurat li kkawza l-incident inkwistjoni.

Illi jinghad ukoll li l-istess versjoni ta' Etienne Farrugia, apparti li kkorroborata mid-diversi ritratti esebiti, hija wkoll kkorroborata mix-xhieda ta' Dr. Ian Gauci li jghid bl-iktar mod car u skjet li l-*brake marks* kollha tal-konvenut kienu fuq in-naha fejn kienet ipparkjata l-karozza tieghu u l-istess xhud spjega kif kien impressjonat bin-natura kbira ta' l-impatt tant li l-karozzi gew spostati bl-istess impatt u spiccaw bi hsara kbira kif murija fl-istess ritratti kollha esebiti f'dan il-process.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Sultana Brothers Transport Limited vs Christopher Camilleri"** (P.A. (RCP) – 2 ta' Ottubru 2001) ghalhekk *in vista* tal-premess jirrizulta li ladarba l-karozza misjuqa mill-konvenut spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq sabiex sar l-impatt, kif indikat mill-posizzjoni tal-vetturi u wkoll mill-*brake marks* taghha, wkoll fuq l-istess naha hazina, kien oneru tieghu, li jipprova ghaliex spicca dik in-naha, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan assolutament ma ghamlux, anke ghaliex l-versjoni tieghu hija kontradetta mix-xhieda kollha prodotta mis-socjeta' attrici, izda wkoll mid-dokumenti kollha esebiti, nkluza l-okkorrenza originali, u r-ritratti esebiti u anke l-iskizz tal-pulizija, anke jekk dan ma huwiex ghal kollox ezatt, kif inghad.

Illi jinghad ukoll li f'cirkostanzi simili meta karozza tispicca fuq in-naha l-ohra tat-triq dan jista' jigi kkunsidrat bhala kaz ta' "*res ipsa loquitur*" fejn huwa allura l-oneru tal-konvenut li permezz tal-provi minnu migjuba jipprova jiggustifika l-azzjoni tieghu. Dan gie tenut fis-sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **"Atlas Insurance Agency Company Limited vs Brian Cilia"** (P.A. (RCP) 16 ta' Jannar 2001 u **"Sultana Brothers Transport Limited vs Christopher Camilleri"** (P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2001).

Illi l-istess gie determinat fil-kawza **“Middle Sea Insurance p.l.c. vs Jason Scerri”** (P.A. (RCP) - 7 ta’ Dicembru 2000), fejn il-Qorti sostniet li bla esitazzjoni ta’ xejn, thoss li dan huwa kaz ta’ *“res ipsa loquitur”*, li l-effett taghha huwa li tisposta l-oneru tal-prova u tohloq bhal speci ta’ presunzjoni ta’ *“prima facie”* li t-tort huwa ta’ wiehed u mhux tal-iehor. (**“John Formosa noe vs Joseph Zammit” -** F.G.C. 30 ta’ April 1993; **“Charles Tonna vs Joseph Cassar” -** A.C. 14 ta’ Mejju 1971; **“Edgar Zahra vs Carmelo Vassallo”** - A.C. 5 ta’ April 1971).

Illi f’dan il-kaz ma hemm ebda indizzju ta’ prova li jiggustifika l-komportament tal-konvenut u ghaliex spicca fuq in-naha hazina tat-triq, u dan qed jinghad ghaliex il-versjoni tieghu ma giet bl-ebda mod ippruvata u lanqas hija verosimili – anzi hija ghal kollox kontradetta – tant li ma hemm ebda prova kwalunkwe li f’xi mument Etienne Farrugia kien fuq in-naha l-ohra tat-triq – anzi l-provi huma proprju l-kuntrarju u ghalhekk din il-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni tat-23 ta’ Marzu 2003. Fuq kollox jinghad li x-xhieda ta’ l-istess konvenut moghtija quddiem il-Qorti fil-15 ta’ Novembru 2005 hija wahda ghall-kollox konfuza u hawn issir riferenza ghad-domandi li saru mill-Qorti stess diversament presjeduta fl-istess seduta minn fol. 117 sa fol. 118 tal-process fejn jidher b’mod palez il-mod konfuzzjonarju u inverosimili li l-konvenut ta l-versjoni tieghu – versjoni li ma tistax tigi emnunta minn din il-Qorti u bl-ebda mod ma jista’ jinghad li b’xi mod tipprova l-allegazzjonijiet tal-konvenut – anzi taghti daqqa sew lill-versjoni tieghu – li hija wahda inkredibbli.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti thoss li x-xhieda ta’ Aaron Fenech prodott mill-konvenut tkompli tikkonferma it-tezi tas-socjeta’ attrici u dan ghaliex l-istess xhud jikkonferma li l-konvenut kien qed isuq eccessiv anke peress li skond ix-xhieda tieghu bl-i*speed* li l-istess xhud kien ghaddej ta’ 40km fis-siegha huwa ma kienx ser jilhaq lill-konvenut u dan juri il-mod li kien qed isuq l-istess konvenut u wkoll ikkonferma l-*brake marks* fuq ir-ritratti Dok. “EF 13” u Dok.

"EF 20", u dawn ikomplu jsahhu t-tezi tas-socjeta' attrici u s-sewwieq ta' l-assigurat taghha. Din il-Qorti tinnota wkoll li l-konvenut semma fid-dikjarazzjoni tieghu annessa ma' l-eccezzjonijiet tieghu lil certu Kenneth Tabone li qal li kien mieghu meta sar l-incident u wkoll semma lil certu Clayton Darmanin li qal li *"semgha diskors rilevanti minn naha ta' Etienne Farrugia"* izda ghal xi raguni dawn ma tressqux bhala xhieda mill-konvenut.

Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-konvenut, minhabba l-atteggament tieghu, u minhabba wkoll nuqqas ta' provi *da parte* tieghu sabiex jiggustifika l-azzjoni tieghu, ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident *de quo stante* li jirrizulta li kien qed isuq bi *speed* eccessiv, b'mod traskurat, u wkoll b'negligenza kbira, u ghalhekk huwa kien il-kawza prossima tal-incident inkwistjoni u wkoll ghalhekk responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali kkagunati lill-assigurati tas-socjeta' attrici.

Illi kif jinghad fic-citazzjoni attrici *in vista* ta' l-imsemmija poloz ta' l-assikurazzjoni tat-tip *"comprehensive",* is-socjeta' attrici ghamlet tajjeb ghad-danni kollha kkagunati mill-konvenut fuq il-vetturi OUR 147 u KAB 409; u d-danni kollha sofferti mill-atturi b'konsegwenza ta' l-incident fuq imsemmi jammontaw ghal disat elef, u tnax-il lira maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm9,012.43) liema somma tinkludi l-ammont ta' hamsa u sebghin lira maltija (Lm75.00) mhallsa mill-attrici Alexandra sive Sandra Farrugia bhala *"excess"*, hekk kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u ezebiti (Dok. 'C1' sa 'C5' u Dok 'D1' sa 'D5') u kif dan gie kkonfermat minn diversi dokumenti esebiti u xhieda moghtija nkluza dik ta' Hugh Zammit fl-affidavit datat 5 ta' Mejju 2004, ta' l-atturi, u ta' Joseph Buttigieg fit-22 ta' Gunju 2005 u in verita' l-ammont ta' danni qatt ma' gew kontestati u ghalhekk din il-Qorti tilqa' t-tieni u t-tielet talba fl-ammont ta' disa' t'elef, u tnax-il lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm 9,012.43).

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fi Triq il-Knisja, Hal-Tarxien fit-23 ta' Marzu 2003, bejn il-vetturi bin-numri tar-registrazzjoni CRX 331, OUR 147 u KAB 409, u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' disat elef, u tnax-il lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm9,012.43);

3. Konsegwentement tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi *in linea* ta' danni is-somma hekk likwidata ta' disghat elef, u tnax-il lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm9,012.43);

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Lulju 2003, u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' din c-citazzjoni kontra l-assikurazjoni tal-konvenut *ai termini* tal-**Kap 104** u bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Lulju 2003 sa l-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------